**16-il jum ta' għarfien u attiviżmu kontra l-vjolenza domestika u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru**

Matul is-snin li għaddew sar ħafna xogħol f'Malta biex titjieb il-prevenzjoni u protezzjoni tan-nisa u l-bniet minn forom differenti ta' vjolenza. F'Mejju tal-2014, Malta rratifikat il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, magħrufa bħala l-Konvenzjoni ta' Istanbul. Din il-Konvenzjoni tobbliga lill-Istati Membri sabiex jassiguraw illi l-liġijiet tagħhom joffru protezzjoni u rimedji adegwati lill-vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, kif ukoll lill-vittmi ta' vjolenza domestika.[1]

Fl-2018, il-Parlament Malti approva l-Att dwar il-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika. L-għan prinċipali ta' din il-liġi huwa li tħalli impatt reali fil-ħajja ta' kuljum billi tipprevjeni l-vjolenza, tipproteġi lill-vittmi u ġġib ġustizzja permezz ta' sanzjonijiet kontra l-aggressuri.

Il-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet hija forma ta' diskriminazzjoni u ksur tad-drittijiet tal-bniedem li taffettwa lin-nisa fil-livelli kollha tas-soċjetà. Fil-fatt, terz tan-nisa kollha minn madwar id-dinja esperjenzaw atti ta' vjolenza fiżika jew sesswali mill-inqas darba matul il-ħajja adulta tagħhom.[2]

Il-vjolenza timmanifesta ruħha f'vjolenza fiżika, psikoloġika jew sesswali. Tipi differenti ta' vjolenza jinkludu vjolenza domestika, fastidju sesswali, stupru, żwieġ sfurzat, mutilazzjoni ġenitali femminili (FGM), u traffikar tal-bnedmin fost oħrajn. F'Malta, in-numri ta' persuni li tressqu l-qorti akkużati bir-reat ta' vjolenza domestika mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Awwissu 2021 kien ta' 1,085. Minn dawn 821 kienu persuni maskili.[3]

Waqt il-pandemija tal-COVID-19, il-vjolenza domestika żdiedet drastikament madwar id-dinja kollha[4], saħansitra anke f'pajjiżna fejn fl-2020 ġiet irreġistrata żieda ta' 24% jew żieda ta' 319-il każ ta' vjolenza domestika meta mqabbla mas-sena ta' qabel.[5]

---

[1] https://ec.europa.eu/justice/saynostopvaw/downloads/materials/pdf/istanbul-convention-leaflet-online.pdf
[2] https://www.un.org/en/observances/ending-violence-against-women-day
[3] https://pq.gov.mt/PQWeb.nsf/7561f7daddf0609ac1257d1800311f18/c1257d2e0046dfa1c12587660045d9c6!OpenDocument
[4] https://eige.europa.eu/publications/covid-19-pandemic-and-intimate-partner-violence-against-women-eu
[5] http://crimemalta.com/annual.html

Hemm bżonn li jiżdied l-għarfien sabiex il-vittmi jiġu infurmati dwar id-drittijiet tagħhom, jirraportaw l-abbuż, jirrikorru lejn is-servizzi ta' għajnuna, jirċievu l-appoġġ xieraq skont il-ħtiġijiet tagħhom, u jkollhom aċċess għall-ġustizzja.

Aktar ma jiżdied l-għarfien, aktar vittmi jħossuhom komdi jirrapurtaw. Is-'16-il jum ta' għarfien u attiviżmu kontra l-vjolenza domestika u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru' hija kampanja internazzjonali li ssir kull sena, li tibda fil-25 ta' Novembru, fil-Jum Dinji għall-Eliminazzjoni tal-Vjolenza fuq in-Nisa, u tispiċċa fl-10 ta' Diċembru, fil-Jum Dinji għad-Drittijiet tal-Bniedem. Din is-sena qegħdin infakkru t-30 anniversarju mit-twaqqif ta' din il-kampanja li oriġinat minn attivisti fl-ewwel *Women's Global Leadership Institute*, li jaħdmu b'valuri femministi, sabiex issaħħu d-drittijiet tal-bniedem u tinkiseb il-ġustizzja soċjali.[6] Sa mill-1991, aktar minn 6,000 organizzazzjoni f'madwar 187 pajjiż ippartecipaw fil-kampanja organizzata minn individwi, istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet minn madwar id-dinja biex jitolbu l-eliminazzjoni u l-prevenzjoni tal-forom kollha ta' vjolenza fuq in-nisa u l-bniet.[7]

Bħalma għamlet fis-snin preċedenti, il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (l-NCPE) se tkompli tqajjem kuxjenza dwar il-vjolenza u l-vjolenza domestika matul is-16-il jum ta' għarfien u attiviżmu.

Permezz ta' grafiċi animati fuq il-midja soċjali, l-NCPE se toħloq aktar għarfien dwar il-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol, fl-isfond li bejn 45% u 55% tan-nisa minn madwar id-dinja esperjenzaw fastidju sesswali mill-età ta' 15-il sena, u li fost dawn in-nisa, 32% indikaw lill-kap, lill-kollega jew lill-klijent (fil-kuntest tal-impjieg) bħala l-awtur tar-reat.[8]

Il-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet qiegħda tkompli tkun ta' ostaklu għall-kisba tal-ugwaljanza. Għaldaqstant, jeħtieġ li l-partijiet konċernati u lkoll flimkien bħala soċjetà naħdmu flimkien għat-tisħiħ tal-ugwaljanza bil-għan li jkollna soċjetà ħielsa mid-diskriminazzjoni u l-vjolenza.

L-NCPE tappella biex kull min jesperjenza fastidju sesswali jirrapporta sabiex jittieħdu l-passi neċessarji u ssir ġustizzja.

---

[6] https://16dayscampaign.org/about-the-campaign/about-cwgl/
[7] https://iwda.org.au/what-are-the-16-days-of-activism-and-why-should-you-care/
[8] Sors: Violence against women: an EU-wide survey – FRA 2014

*Għal aktar informazzjoni tista' tagħmel kuntatt mal-NCPE fuq 2295 7850 jew billi tidħol fuq il-websajt* *www.ncpe.gov.mt*

**16 ta' Novembru 2021**